**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 273 / 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs.**

**Therese Attard Flores**

Illum 14 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Theresa Attard Flores bint Edgar Cachia u Ludgarda nee' Cardona, mwielda l-Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru, 1982 u residenti gewwa 12, Triq it-Tlieta u Ghoxrin ta' April, Qormi u detentura tal-karta tal-identita' bin-numru 16183 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-7 ta' Marzu, 2017 u fil-jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Talli hadt fil-pussess tieghek xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew taghmel uzu minnhom u dan bi ksur tal-artikolu 337 C (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli installajt, nehhejt, biddilt, ghamilt hsara, hassart, iddeterjorajt, razzant, qridt, varjajt jew zidt ma xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew tirrendi data bhal din inaccessibbli u dan bi ksur tal-Artikolu 337 C (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli uzajt kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postal elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhu jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f' computer jew b' xi mod tikser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex takkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 337 C (i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kxift data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg kemm-il darba dan ma jkunx mehtieg fil-qadi ta' dmirijietek jew b' xi ligi ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 337 C (j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Gunju, 2021, fejn il-Qorti wara wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 337 C (1) (f) (g) (i) u (j) u 337 F (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li sabet lil Theresa Attard Flores mhux hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha, ossija dik taht l-artikolu 337 C (1) (g) tal-Kodici Kriminali, u illiberatha minn kull htija u piena fir-rigward, sabitha hatja ta' l-ewwel, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, ossija dawk taht l-artikolu 337 C (1) (f), (i) u (j) tal-Kodici Kriminali u ikkundannatha ghal multa ta' sitt elef Euro (€6,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta awtorizzat li l-multa tithallas b' pagamenti mensili ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar bl-ewwel pagament issir mhux aktar tard minn xahar wara llum u b'pagamenti ekwivalenti konsekuttivament u interrottament fl-ahhar ta' kull xahar sussegwenti bid-dekadenza u fin-nuqqas ikun konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Therese Attard Flores, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabithiex hatja tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontra taghha, u;

2. Thassar is-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet dedotta kontriha u kwindi tilliberaha minnhom, jew;

3. B' mod sussidjarju u strettament minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti ossia ghat-talba ' 1' u ' 2' , fl-eventwalita' li tigi kkonfermata l-htija hekk kif inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, li tvarja il-piena erogata b' piena iktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **Dwar l-Apprezzament tal-Provi**

A.1. **Dwar l-Aqwa Prova u l-Provi Indizzjarji**

Illi fil-kaz *de quo* l-appellanta nstabet hatja ta' numru ta' reati differenti lkoll kontemplati fl-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali.

Fl-umli fehma tal-appellanta, hija setghet biss tinstab hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra taghha kieku l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi kienet proprju hi li verament kisbet access ghal *Facebook* account tal-*parte-civile* u li *di piu* kienet verament hi li kkommettiet il-bqija tar-reati prospettati fl-artikolu 337C tal-Kap 9.

Fl-umli fehma tal-appellanta, dan baqa' qatt ma gie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, f'dan il-kaz jirrizulta li l-istess Prosekuzzjoni ghazlet li tibbaza l-kaz kollu taghha fuq diversi assunzjonijiet, evidenza inkonklussiva u provi indizzjarji u dana meta fil-verita ma kellhiex ghalfejn stante li setghet ghamlet ferm u ferm izjed biex tipprova l-kaz taghha.

*Di fatti,* kif juru l-atti processwali, kien hemm ghadd kbir ta' provi diretti, *ossia* provi li jikkwalifikaw bhala *' best evidence'* li l-Prosekuzzjoni, ghal raguni li taf hi, naqqset li tipproduci.

Tant dan huwa minnu li kienet sahansitra l-ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza appellata li rrikonoxxietu dan. Testwalment, l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat hekk f' pagna 23 tas-sentenza appellata:

> *"... **<u>minkejja li din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prosekuzzjoni setghet gabet provi ohra</u>**, in sostenn tal-allegazzjonijiet maghmula mill-parti civile, ma jfissirx li b' daqshekk l-imputazzjonijiet ma gewx provati."* [sottolinejar tal-appellanta]

Jigi mfakkar illi l- Artikolu 638(1) kal-Kodici Kriminali jistipula li

> *"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacènti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."*

*Di piu'* l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali jistipula li l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandu japplika wkoll ghall-Qrati tal-gustizzja Kriminali. L-Artikolu 559 jistipula li:

*"Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Indubbjament, fil-kaz odjern, il-*'best evidence'* li setghet iggib il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li dan l-allegat abbuz teknologiku kienet ix-xhieda tas-socjeta' *Facebook Inc*. Jew inkella x-xhieda tar-rapprezentanti tas-*service providers* lokali sabiex ghal ta' lanqas ikun jista jigi kkonfermat mil-liema *IP address* gie allegatament accessat il-*Facebook* ta' Raphael Attard Flores, mil-liema *IP address* giet allegatament mibdula l-password ta' Raphael Attard Flores, u jekk jirrizulta illi tali password giet effettivament mibdula, fix-hin giet mibdula u b' hekk seta' jigi kkonfermat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dak li kienu allegaw Raphael Attard Flores u ommu.

Interessanti li ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet **' Mario Camilleri u Pierre Camilleri v. L-Avukat Generali'** dwar il-prova li ghandu jkun hemm ghal sejba ta' htija f'proceduri kriminali. In fatti f'din is-sentenza nsibu referenza ghal proviso tas-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif din giet trasposta b'dikjarazzjoni ghall-interpretazzjoni ghall-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja fejn inghad li:-

*"(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt;*
*(ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities;*
*(iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted;*
*(iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance*

*of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case;*
*(v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence..."*

A bazi tas-suespost u fl-assenza totali tax-xhieda kemm tas-*Service Provders* kif ukoll tar-rapprezentanti ta' *Facebook Inc.*, l-appellanta terga mill-gdid issostni li x-xhieda ta' Raphael Attard Flores u ta' ommu kienu mizghuda b'assunzjonijiet inkonklussivi u kwindi tali xhieda zgur li ma kinitx l-ahjar prova li tindika li:

i. Kienet inbidlet il-password tal-profil ta' *Facebook* ta' Raphael Attard Flores;
ii. Jekk inbidlet, inbidlitx mill-appellanta;
iii. Mil-liema *IP address* gie accessat tali profil ta' *Facebook*;
iv. Mil-liema *IP address* giet mibdula tali Password, jekk mibdula;
v. Jekk mibdula, illi l-password mibdula, kienet dik identifikata minn Mary Rose Attard Flores fid-deposizzjoni taghha, *ossia* omm il-*parte-civile*.

Fid-dawl tas-suespost, l-appellanta taghmel referenza ghall-kontro-ezami tal-Ufficjal Prosekutur ta' nhar il-11 ta' Marzu, 2019[1]:

"**Dr Arthur Azzopardi**: Meta inti issa allura gejt biex tinvestiga dan il-kaz, b' xi mod jew iehor jew f' xi zmien jew iehor rapprezentanti ta' Facebook Inc. kellimthom?
**Magistrat**: Facebook?
**Dr Arthur Azzopardi**: Facebook Incorporation, skuzani Sur Magistrat.

[1] Folio 68

**Spettur Jeffrey Scicluna**: Le

**Dr Arthur Azzopardi**: Meta allura issa s-Sur Attard Flores qieghed jghid hawnhekk u allura nimmagina anke qabel illi b' xi mod jew iehor ircieva xi tip ta' document SMS, email jew xorta ohra li inbidlitlu l-password, inti vverifikajta din?

**Spettur Jeffrey Scicluna**: Le.

**Dr Arthur Azzopardi**: Mela allura issa l-mama tas-Sur Attard Flores tigi hawnhekk l-Qorti u fix-xhieda taghha tghidilna l-password suppost gdida x' inhi. X' ghamilt biex tara jekk dik il-password jew tal-Facebook account li kellu s-Sur Attard Flores?

**Spettur Jeffrey Scicluna**: Ma verifikajtx il-password, jiena passwords qatt ma kelli f' idi"

L-appellanta ghalhekk gustament tistaqsi:

1. Kif setghet l-ewwel Onorabbli Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi meta naqqset milli tressaq lis-*service providers* biex jixhdu u jikkonfermaw jew ghad-dirittura jinnegaw dak mistqarr mis-Sur Attard Flores u ommu?

2. Kif jista' qatt jinghad illi l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli meta strahet kompletament fuq dak illi rraporta Raphael Attard Flores minghajr ma gabet il-' *prova regina'*, ossia ix-xhieda tar-rapprezentant ta' *Facebook Incorporation*? Prova illi minghajr ebda dubju hija wahda univoka u indipendenti.

*Di piu'* l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, sostniet illi:

"Il-Qorti tqis li l-provi cirkostanzjali, maghduda ma' dawk diretti, u mal-atti tal-Qorti tal-Familja, ma jhallux dubju ragonevoli dettat mir-raguni li kienet proprju l-imputata li accediet ghall-account ta'

Raphael Attard Flores, u li skarikat, mill-istess account, ir-ritratt in kwistjoni."

Pero' f' dan l-isfond, l-appellanta gustament tistaqsi, x' kienu dawn il-misterjuzi ' provi diretti' li skont l-ewwel Onorabbli Qorti il-Prosekuzzjoni ressqet?

Kull ma ghamlet il-Prosekuzzjoni f' dan il-kaz huwa li strahet fuq:

1. L-Istqarrija tal-appellanta (liema stqarrija qas biss giet esebita u b' hekk l-ewwel Onorabbli Qorti korrettament eskludiet kull referenza li saret ghaliha);

2. L-allegazzjonijiet mhux fondati u sostanzjati tal-*parte-civile* Raphael Attard Flores – li wara kollox kellu kull interess li jizgura li l-appellant tinstab hatja, u;

3. Ix-xhieda ta' omm il-*parte-civile* li tghid li rat lill-appellanta taccedi ghal *facebook* a*ccount* ta' binha.

F' dan ir-rigward jinghad pero li minkejja li l-*parte-civile* fix-xhieda tieghu jsostni li rcievha *notification emails* li bihom huwa gie nformat li l-*passwords* tal-*facebook* u l-*email* accounts tieghu kienu gew mibdula – huwa naqas li jipprezenta imqarr *screenshot* wahda ta' dawn l-*email notifications*.

U jekk ghal grazzja tal-argument wiehed jasal jikkoncedi li tali passwords gew mibdula, kif jista wiehed qatt jipponta subajh lejn l-appellanta u b'certu konvinciment jikkonkludi li kienet hi li biddlet dawn il-*passwords*?

Minn naha l-ohra, omm il-*parte-civile* tishaqq li hija rat b' ghajnejha lil appellanta taccedi ghal fuq il-*facebook* ta' binha bl-uzu ta' password li skont hi kien: '*raphaelliba*' .

Ejja wiehed ghal darb' ohra ghal grazzja tal-argument jikkoncedi li huwa minnu li dan verament sehh, pero kif jista' qatt wiehed ragjonevolment jivverifika, fil-mankanza tal-aqwa provi supra msemmija, li kienet l-appellanta li effettivament biddlet il-passwords tal-*parte-civile* ghal ' *raphaelliba*' ?

B' kull rispett ghandu jigi mfakkar illi sabiex l-appellanta setghet tinstab hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha a bazi ta' provi indizzjarji biss, tali provi indizzjarji kellhom tal-inqas ikunu konklussivi b'tali mod li jippuntaw unikament lejn direzzjoni wahda u cioe lejn il-fatt li l-appellanta kienet verament il-persuna li ghamlet dak li giet akkuzata bih.

Illi kif gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, huwa principju ben assodat li l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjarji izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti u tali li jnisslu f' mohh il-gudikant konvinciment morali lil hinn minn kull dubju ragonevoli dwar ir-reita' tal-persuna imputata.

F' dan ir-rigward l-appellanta taghmel riferenza ghal sentenza deciza fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet **' Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg'** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali sahhqet hekk:

> *"Prova indizjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija".*

*In oltre* l-appellanta taghmel ukoll referenza ghal sentenza ohra deciza nhar is-6 ta' Mejju 1961 fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Carmelo Busuttil et.'** mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn intqal is-segwenti:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Tenut kont tal-indizzji cirkustanzjali illi fuqhom ibbazat il-kaz taghha il-Prosekuzzjoni, certament ma jistax jinghad li dawn kienu univoci u dana a kagun tal-fatt, principarjament, li bil-limitazzjonijiet tal-provi prodotti, jew ahjar fil-mankanza ta' tali provi, wiehed kapaci jigbed ghadd ta' konkluzjonijiet li necessarjment jippontaw lejn direzzjonijiet diversi.

Dan qieghed jinghad billi s-sezzjoni tas-*cyber crime unit* fi hdan il-korp tal-Pulizija ma setghux isibu tracca ta' kif kien ghadda dan ir-ritratt minhabba l-fatt li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur minn meta allegatament ittiehed ir-ritratt u b' hekk il-perjodu ta' *data retention* kien idekorra.

Dan effettivament x'juri? Ghalfejn dan il-fattur irendi l-provi cirkostanzjali prodotti ekwivoci u inkonklussivi?

Proprju ghaliex fl-assenza ta' mqarr prova wahda li titfa dawl fuq in-numri ta' *IP addresses* illi minnhom kien jigi accesssat il-*Facebook account* tal-*parte-civile* Raphael Attard Flores, ma hemmx!

B' hekk, fl-assenza ta' dina l-prova, certament ma jistax jigi konfermat jekk ghal grazzja tal-argument tali *facebook account* jigix accessat biss minn *IP address* wiehed jew jekk altrimenti jigix accessat minn ghadd ta' *IP addresses* differenti li jappartjenu lil terzi persuni (identifikati jew mhux identifikati).

B' hekk, stante li l-atti processwali huma sajma minn din il-prova, certament ma jistax jinghad li l-kelma ta' Raphael Attard Flores wahedha kombacjata u sostanzjata mill-verzjoni ta' ommu hija univoka u tipponta biss lejn l-appellanta.

Stante ghalhekk li l-Prosekuzzjoni baqghet ma skoprietx (u kwindi lanqas l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet tiskopri) lil min kien jew kienu jappartjenu l-*IP address* jew *addresses* li minnhom gie accessat il-*facebook account* tal-*parte-civile,* l-appellanta bir-ragun tistaqsi:

1. Kif jista' jinghad li l-indizzji cirkustanzjali li ngiebu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kienu inekwivoci meta ma ngibietx imqar prova wahda li tipponta lejn id-direzzjoni tal-appellanta? U cioe' prova wahda li tidentifika *IP address* bhala wiehed li effettivament jappartjeni lill-appellanta?

*Di piu'*, anke kieku ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss wiehed jasal jikkoncedi li l-*facebook account* tal-*parte-civile* f' xi punt verament kien gie accessat minn *IP address* li jappartjeni lill-appellanta, madankollu dan certament ma jkunx awtomatikament ifisser ukoll li kienet l-appellanta li biddlet il-*password* relattiv ghall-istess *facebook account*!

A bazi tas-suespost kollu, l-appellanta bir-rispett tishaqq illi l-indizzji prodotti u li fuqhom l-ewwel Onorabbli Qorti serhet id-decizjoni taghha, huma ' l boghod minn dik l-univocita' illi tirrekjedi l-Ligi u ghaldaqstant l-appellanti ma setghet qatt tinstab hati a bazi ta' tali provi.

B. **<u>Dwar id-Deposizzjoni tal-kwerelant Raphael Attard Flores u ommu</u>**

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghall-punti precedenti u ghandu jittiehed u jinqara flimkien ma' kull punt alternattiv precedenti.

Kif gia indikat, l-unici xhieda illi b' xi mod jew iehor jittentaw jissustanzjaw tali akkuzi huma hadd ghajr l-eks ragel taghha Raphael Attard Flores kif ukoll ommu, *ossia* l-eks kunjata taghha Mary Rose Attard Flores.

Raphael Attard Flores fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar l-20 ta' Dicembru 2017[2] sostna li f' Gunju tas-sena 2016 rcieva informazzjoni mill-midja socjali *Facebook* li l-*password* tieghu gie mibdul. Ix-xhud jistqarr ukoll illi tali *password* u access sar mir-residenza tal-kunjata tal-esponenti, ossia minn gewwa r-residenza ta' ommu Mary Attard Flores. Ix-xhud stqarr ukoll illi hekk kif l-appellanta allegatament accediet

---

[2] Folio 24.

fuq il-*Facebook* Account tieghu, hija nizzlet *chat* li allegatament ix-xhud kellu ma Bianchi, l-istess chat intbghatet lil hu l-appellanta u *in segwtitu* hu l-appellanta allegatament stampa tali chats.

In oltre nhar l-10 ta' Mejju, 2018 xehdet Mary Rose Attard Flores[3]. Ix-xhud xehdet illi l-appellanta kienet marret ghandha, talbitha *laptop*, accediet fuq il-*Facebook* ta' Raphael Attard Flores u wrietha *chats* illi Rapheal allegatament kellu ma' Bianchi. Skond ix-xhud, sabiex l-appellanta accediet fuq tali Facebook account, hija uzat il-password '*raphaelliba*'.

Madanakollu tali xhieda baqghet qatt ma giet ikkorrobarata bi provi u/jew dokumenti imparzjali u indipendenti.

Ghalkemm il-*parte-civile* Attard Flores sostna illi huwa rcieva notifikazzjoni illi l-*password* tal-profil tieghu giet mibdula, tali notifikazzjoni baqghet qatt ma giet esebita. Tant hu hekk illi l-Ispettur Jeffrey Scicluna in kontro ezami meta mistoqsi dwar tali notifikazzjoni nhar is-6 ta' Frar, 2020 jistqarr illi:

> *"Emm jiena kont qghadt fuq il-verzjoni li kienu tawni huma u kelli l-impressjoni li kif stqarrejt int li dawn il-messaggi tal-Facebook kienu ha jigu prezentati gol-awla quddiem il-Magistrat"*[4].

*In oltre*, il-*parte civile* Raphael Attard Flores jinsisti wkoll illi l-allegata chat u immagini illi ttiehdu b' mod abbuziv minn fuq il-profil ta' *Facebook* tieghu giet mibghuta lil hu l-appellanta Josef Cachia[5] madanakollu kif ikkonfermat mill-Ufficjal Prosekutur stess fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-11 ta' Marzu, 2019 – hu l-appellanta baqa' qatt ma gie mitkellem mill-Pulizija u/jew investigat.[6]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[7] kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni simili ghal dik

[3] Folio 33.
[4] Folio 89.
[5] Folio 25.
[6] Folio 68.
[7] per Onor. Imhallef A. Bugeja.

odjerna fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Domenic Savio Micallef'</u>** deciza nhar is-26 ta' Novembru, 2019 fejn l-uniku prova ammissibbli migjuba in sostenn tal-akkuzi kienet ix-xhieda tal-kwerelant u l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) rriteniet illi:

> *"Dak li jifdal ghalhekk jistrieh fuq dak li xehed l-kwerelant li, kif gie rilevat qabel, huwa prova li huwa kellu suspett fl-appellant ghax kellu access ghall-computer u l-password tieghu – fatt dan tal-ahhar kontestat mill-appellant fix-xiehda tieghu; kif ukoll il-movent, dovut ghall-fatt li l-appellant jaghti x' jifhem illi r-relazzjoni li ntemmet bejniethom ma tantx spiccat sew tant illi kien hemm skambju ta' messaggi fejn fosthom l-appellant kien heddu li ser ipattihielu. Dan il-messagg, (li minbarra li rah il-kwerelant, jixhed dwaru PS1284 Ian Caruana li jghid li gie muri dan il-messagg), qatt ma gie muri lill-Qorti, u wisq anqas hemm xi forma ta' verifika dwar minghand min intbaghat, meta u kif. Madankollu il-movent per se ma jikkonstitwix prova ghall-fini ta' sejbien ta' htija. Ilkumplament tal-provi legalment ammissibbli bhala tali, inkluz id-deposizzjoni tal-kwerelant, ma kienux b' sahhithom bizzejjed biex, maghquda flimkien u in bazi taghhom, il-Qorti tal-Magistrati setghet tasal ghall-konkluzjoni ta' sejbien ta' htija b' mod ritenibbli safe and satisfactory."*

Illi konsegwentament in vista tas-suespost kollu, senjatament fid-dawl tal-fatt illi kif ikkonfermat minn diversi xhieda illi xehdu fil-mori ta' dawn il-proceduri, fiz-zmien illi sar ir-rapport, il-*parte-civile* u l-appellanta kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni missielta ferm, fin-nuqqas ta' provi konkreti illi jippruvaw illi effettivament kienet l-appellanta li accessat u bidlet il-password tal-*profil ta' Facebook* tal-*parte-civile,* fl-umli fehma tal-appellanta l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tistrieh esklussivament fuq id-deposizzjoni tal-*parte-civile* u ta' ommu u konsegwentament l-appellanta ma setghetx ragjonevolment tinstab hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

C. **Dwar il-*password* tal-*Facebook* tal-*parte-civile***

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem strettament minghajr preguduzzju ghall-aggravji precedenti.

Jigi debitament imfakkar li mid-deposizzjoni in kontro-ezami tal-*parte-civile* Raphael Attard Flores quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, gie zvelat li f' perjodu fejn huwa u l-appellanta kienu ghadhom jirrisjedu flimkien *qua* koppja mizzewga, il-*username* u l-*password* tal-*facebook* tal-*parte-civile* kienu b' mod awtomatiku issejvjati fuq il-*laptop* komuni li huma kellhom.

Dan ifisser, strettament minghajr pregudizzju ghal kull argument precedentament imqajjem, li huwa ferm probabbli li l-appellanta irnexxilha taccessa (jekk huwa minnu li hija accessat) l-*facebook profile* tal-*parte-civile* mhux ghaliex b' xi mod adottat xi metodu ta' *hacking* izda unikament ghaliex tali *password* kien '*stored*' f' *laptop* komuni.

Meta mbaghad allura r-relazzjoni ta' bejn il-*parte civile* u l-appellanta qraset u *di piu* infethu proceduri ta' separazzjoni, l-appellanta kellha kull dritt li tesebixxi fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni dawk il-provi kollha relevanti u legalment ammissibli li setghu b' xi mod jew iehor jitfghu dawl fuq l-agir adulteru tal-*parte-civile*.

F'dawn ir-rigward, ta' min jaghmel referenza ghal kaz fl-ismijiet ' **<u>Il-Pulizija v. Leeroy Balzan</u>**' finalment deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali[8] nhar is-26 ta' Ottubru 2017 fejn fih kien gie partikolarment sottolinejat li l-prassi li kienet tezisti fi hdan il-korp tal-Pulizija fejn *passwords* tas-sistema tal-PIRS kienu jigu ' shared' bejn ufficjali differenti tal-Pulizija ma kienx jikkostitwixxi reat stante li tali prassi *ossia* l-ghoti tal-*passwords* ma kienx jinghata lil xi persuna li mhix awtorizzata. Specifikament, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahhqet hekk:

> "Illi l-Qorti tistqarr illi tinsab kemmxejn perplessa kif il-prosekuzzjoni konxja tal-fatt illi din il-prassi li l-pulizija jghaddu

[8] per Onor. Imhallef Edwina Grima.

il-*passwords* taghhom individwali lil dawk il-pulizija li minhabba inefficjenza u forsi burokrazija zejda, jkunu ghadhom ma inghatawx password individwali biex ikunu jistghu jaghmlu xogholhom b' mod effettiv u tempestivament, imbaghad ghaddew biex jakkuzaw lill-appellanti ghal agir, li del resto jidher illi ghalih hemm il-benedizzjoni mill-ghola uffcjali tal - korp halli il-pubbliku in generali ikun jista' jinqeda, billi jikkontendu illi dan jikkostitwixxi xi reat kriminali! Illi kull min huwa responsabbli ghat-tmexxija efficjenti tal-korp tal-pulizija ghandu jara illi l-pulizija ikollhom l-ghodda kollha mehtiega biex jkunu jistghu jaqdu d-dmirijiet taghhom minghajr ebda xkiel u minghajr biza illi dawn ser jigu issanzjonati ghaliex jaghmlu dan. Meta ufficcjal tal-pulizija jkun assenjat xoghol fejn hemm il-htiega tal-uzu ta' kompjuter, min hu responsabbli ghandu jara illi dak il-membru tal-korp tal-pulizija jinghata l-ghodda u l-mezzi kollha sabiex jkun jista' jaghmel uzu minn dik is-sistema b' mod immedjat. Li kieku gara dan l-appellanti ma kienx jigi akkuzat bil-kummissjoni ta' reat ghaliex ipprova ighin meta s-sistema ma kenitx qed thalli la lilu u lanqas lil shabu jaqdu dmirijiethom."

Minkejja li l-fattispecjie ta' dak il-kaz kienu kompletament differenti minn dawk tal-kaz odjern, it-taghlim ta' dina s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jista xorta' wahda, fl-umli fehma tal-appellanta, jigi b' analogija applikat ghal kaz odjern.

Dan qieghed jinghad stante li billi l-*passward* tal-*facebook* tal-*parte-civile* kien awtomatikament issejvjat fuq il-*laptop* li huwa u l-*appellanta* kellhom in komun ma jista' qatt jinghad li l-istess appellanta ma kinitx "persuna awtorizzata" u dana specjalment meta wiehed jikkonsidra li kien jinkombi fuqha li fil-proceduri ta' separazzjoni ta' bejnha u bejn il-*parte civile* ggib il-prova li turi li l-istess *parte civile* filfatt kien wettaq adulterju.

D. **Dwar ix-Xhieda tal-Allegata Vittma Lourdes Bianchi**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-punti precedenti.

Minghajr ebda tlaqlieq jibda' biex jinghad illi l-allegata vittma Lourdes Bianchi baqghet qatt ma xehdet quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Fil-fatt nhar l-24 ta' Jannar 2018 giet mharrka biex tixhed Lourdes Bianchi u gie ezebit certifikat mediku mahrug mill-isptar Mater Dei.

Sussegwentament l-istess Bianchi regghet giet imharrka ghas-seduta ta' nhar id-29 ta' Settembru, 2020. Madanakollu kif jixhed il-verbal tal-istess seduta:

> *"Ix-Xhud Lourdes Bianchi tiddikjara li qieghda tirrinunzja ghall-kwerela li hija gia ghamlet u ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li qed tahfer lill-imputata"*

Illi konsegwentament stante li l-kwerelanta Bianchi baqghet qatt ma xehdet fil-proceduri odjerni, minn imkien ma jirrizulta illi l-allegat ritratt esebit *a folio 48* tal-atti processwali, liema ritratt allegatament ittiehed minn fuq il-profil ta' *facebook* tal-kwerelant Raphael Attard Flores, juri lill-istess Bianchi.

Lanqas ma jigi kkonfermat minn Bianchi illi b'xi mod jew iehor hija kienet tikkomunika mas-Sur Raphael Attard Flores permezz tal-midja socjali *Facebook* u/jew li bejniethom kienu jqassmu ritratti intimi.

F' dan l-istadju ghandu jigi mfakkar illi skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda pacifika ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

E. **Dwar il-*laptop* uzat gewwa residenza ta' omm il-*parte-civile***

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, omm il-*parte-civile* ossia Mary Rose Attard Flores tghid li l-appellanta kienet marret ghandha nhar it-2 ta' Gunju 2016 fis-sitta ta' filghodu u uzat *laptop* minn taghha u minn fuqu ghamlet uzu minn *password* sabiex taccedi ghal fuq il-*facebook account* tal-*parte-civile* Raphael Attard Flores.

F' dan l-isfond, prova konkreta u diretta ohra li l-Prosekuzzjoni setghet facilment tipproduci in sostenn tal-verzjoni ta' omm il-*parte-civile* kienet analizi ta' dan il-*laptop* sabiex minn tali analizi jigi verifikat jekk jekk huwiex minnu li f' dak il-waqt, *ossia* nhar it-2 ta' Gunju 2016, fis-sieghat bikrin ta' filghodu, xi hadd verament kienx ghamel *log-in* mill-*facebook account* tal-*parte-civile*!

Ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ghamlitux dan? X' kien qieghed izommha? Forsi hija wkoll kellha s-suspetti li dak sostnut minn omm il-*parte-civile* seta' ma kienx minnu jew forsi kien intiz biss ghal protezzjoni ta' binha?

L-appellanta temmen illi dan ukoll huwa nuqqas kbir u dan ghaliex il-Pulizija a bazi tal-artikolu 346 tal-Kap 9 messha elevat il-laptop tal-*parte-civile* u ezaminatu sabiex tikkonferma l-veracita' kemm tal-verzjoni offruta mill-*parte-civile* u b' mod partikolari ta' ommu stante li kienet hija li ghamlet accenn ghal dan il-*laptop*.

Zgur li kieku dan il-laptop gie ezaminat seta' jigi kkonfermat jekk il-*profil* tal-*facebook* tal-*parte-civile* verament giex accessat u jekk gie accessat meta gie accessat.

In vista ta' dawn il-provi u /jew nuqqas taghhom, l-esponenti jemmen li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tasal b' mod konvincenti tikkonkludi li l-provi li tressqu kienu univoci li jwaslu lil gudikant minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-appellanta hija hatja tal-imputazzjonijiet dedotta kontriha.

A bazi tas-suespost kollu, tenut kont ta' dan il-kunflitt fil-provi, tenut kont li l-Prosekuzzjoni trid iggib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u li min-naha l-ohra l-imputat huwa tenut li jipprova dak li jallega *' on a balance of probabilities'* , l-appellanta hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma ssodisfatx l-oneru impost fuqha biex ikun jista' jinghad ' l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi kien l-appellanti illi minghajr awtorizazzjoni accessat il-profil ta' *Facebook* tal-*parte-civile* odjern u kwindi, fl-umli fehma tal-appellanta, tali kunflitt tal-provi kellu jwassal ghal-liberatorja.

F. **<u>Dwar il-Piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha suesposti u fl-eventwalita' biss li l-aggravji precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-appellanta, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-fatt illi l-appellanta ghandha fedina penali netta u li qatt ma kellha kazijiet ohra simili jew xort' ohra xellfet dufrejha mal-gustizzja, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament.

Kenny fil-ktieb tieghu 'Outlines of Criminal Law' jghallem li:

> *"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…*
>
> *As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"*

L-appellanta, bhal kull persuna ohra tas-socjeta', ghandha d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali taghha li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* hija hatja. Ghaldaqstant, l-appellanta m'ghandhiex tkun suggetta ghal piena harxa u sproporzjonata. F' cirkostanzi li persuna tkun suggetta ghal piena sproporzjonata, ikun hemm lezjoni tad-drittijiet taghha.

Artikolu 49(3) tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** jistipula li *"Is-severità tal-piena m' ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat."*

Sabiex wiehed jistabbilixxi jekk piena tosservax il-principju tal-propozjonalita' jezistu diversi ezamijiet. Fil-fatt, i**l-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Dan il-principju ta' proporzjonalita' nghata l-importanza li tixraqlu anki mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Bernard Borg et.**", l-Onor. Imhallef V. DeGaetano jaghmel referenza ghall-awtur David Thomas, fejn fil-ktieb tieghu ' *Principles of Sentencing*' jispjega li:

> *"….the sentencer is bound by the normal principle requiring proportionality between offences and sentence."*

Smith & Hogan fil-ktieb taghhom, *'Smith & Hogan Criminal Law 8th edition'* jghallmu li:

> *"The sentence must be proportionate to the offence. The business of the court is to do justice… It is difficult to say, in absolute terms, that a particular sentence of imprisonment is proportionate to a particular rape or wounding – just as in civil law it is difficult to put a cash* value *on the plaintiff' s arm when it has been lost through the defendant' s negligence. We are not weighing like against like. The courts have to*

*do the best they can. In relative terms, the notion of proportionality is more practicable."*

*Di piu,* fl-isfond tal-premess, kif jista' wiehed qatt ragjonevolment iqis il-piena mposta fuq l-appellanta mill-ewwel Onorabbli Qorti, *ossia* l-piena ta' multa fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) proporzjonata meta' ftit tal-jiem ilu biss, f' sentenza li titratta l-istess imputazzjonijiet li bihom instabet hatja l-appellanta pero f' cirkostanzi u fattispecje fermament iktar gravi, il-piena mposta kienet dik ta' *probation order* a tenur tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta?

L-appellanta hawnhekk qeghda taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Ardi Vidman** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[9] nhar is-16 ta' Gunju 2021, fejn il-Qorti irriteniet hekk:

*"In view of the above, and having regard to the circumstances of the case, including the nature of the offence and the character of the offender, the Court is of the opinion that it is inexpedient to inflict punishment. It also considers that a probation order and that a community service order or a combination of both, are not appropriate in this case."*

Jigi rilevat li dak il-kaz ma kienx wiehed ta' semplici access mhux awtorizzat tal-*facebook* account ta' eks partner izda addirittura kien kaz fejn il-persuna hekk misjuba hatja *qua* eks impjegat ta' kumpanija rinomata, immisaproprja, bl-intiza li jiftah negozju simili ghal rasu, *data* u informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva tal-kumpanija.

Huwa minnu li f'dak il-kaz, *ossia* fil-kaz **il-Pulizija v. Ardi Vidman**, l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u li wara kollox kull kaz fih il-fattispecjie partikolari tieghu, pero ghal fini ta' proporzjonalita ta' piena biss, l-appellanta tistaqsi: huwa gust li l-hija tigi kkundanata ghal hlas ta' multa oneruza filwaqt li indivdwu iehor misjub

[9] per Mag. Dr. Rachel Montebello.

hati ta' imputazzjonijiet identici f' cirkostanzi izjed gravi jehel biss piena taht il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta?

Konsegwentament, in vista tal-premess, l-appellanta temmen li l-piena inflitta fil-konfront taghha, *ossia* l-multa fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) ghandha tigi ridotta ghal wahda aktar miti u dana sabiex jigu riflessi c-cirkostanzi kollha li sawwru l-kaz odjern.

Ghaldaqstant l-appellanta qedgha titlob sabiex tigi kkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ma sabithiex hatja tat-tieni imputazzjoni, thassar is-sentenza appellata in kwantu fejn sabitha hatja tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet dedotti kontriha u tilliberaha minnhom jew b'mod sussidjarju u minghajr pregudizzju, fl-eventwalita' li tigi kkonfermata l-htija hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, tvarja l-piena erogata ghal wahda iktar ekwa u gusta.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2021.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti tixtieq tibda sabiex taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[10] '

> *hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta'appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara***

[10] Deciza 31 ta' Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[11]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[12]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[13]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[14]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[15]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[16]

---

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[15] 1969] 1 QB 276.
[16] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,</u>**[17] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***<u>tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza</u>ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Busuttil,</u>**[18]

> *"din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.*
>
> *Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni.* ***<u>Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-</u>***

[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru,1994.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 2021.

***<u>Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija."</u>***

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **<u>oltre kull dubju dettat mir-raguni.</u>** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer,</u>**[19] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **<u>dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**<u>-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.</u>** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[20]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[20] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[21] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [22] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly*

---

[21] 1997 Edition Para 10-3.
[22] 1952.

*examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[23]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. **Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.**

Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[24] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[25] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

---

[23] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[24] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[25] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-appell tal-appellanti huwa principarjament ibbazat fuq apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex taghmel ezercizzju fejn sejra tezamina fid-dettal ix-xhieda u l-provi prodotti tul il-kumpilazzjoni.

**<u>L-Ispettur Jeffrey Scicluna</u>**[26] xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2017 fejn qal li nhar is-7 ta' Marzu 2017, gewwa l-ghassa l-Belt gie rrapurtat minn Lourdes Bianchi u Raphael Attard Flores li f'proceduri li kienu ghaddejin bejn Raphael Attard Flores u l-appellanti, gie pprezentat dokument fejn juri ritratt esplicitu ta' Lourdes Bianchi minn fuq *Facebook Messanger* ta' Raphael Attard Flores, li sa fejn jaf hu, hu biss kellu access ghall-Facebook tieghu. Hu kien stqarr li l-appellanti kienet dahhlitu f'Facebook u haditlu dan ir-ritratt ta' Bianchi. Minhabba li l-kaz kien sehh aktar minn sitt xhur qabel ir-rapport, is-Cybercrime Unit ma setawx isibu tracca ta' kif ghadda dan ir-ritratt u dan minhabba mezz ta' data retention. Spjega illi nhar l-10 ta' Marzu, 2017, l-appellanti kienet marret gewwa l-ghassa tal-Belt fejn stqarret li kienet dahlet fil-*Facebook account* ta' Raphael Attard Flores minhabba li kienu juzaw l-istess kompjuter u l-*password* ta' Facebook kienet *saved* hemmhekk. B'kuntrast Raphael Attard Flores kien stqarr mal-pulizija li ma kienx b'dak il-mezz li dahhlu fil-*Facebook account* tieghu u kien qal li kien rcieva messagg li l-*password ta' Facebook* kienet giet mibdula wara li xi hadd kien dahallu fl-email u risetjalu l-*password ta' Facebook.* Hu kien rcieva messagg li kien jghid dan u ghalhekk minhabba l-ammisjoni tal-imputata Theresa Attard Flores, fejn kienet stqarret mal-pulizija li kienet dahlet fil-*facebook account* tar-ragel

[26] Fol. 20 tal-atti processwali.

taghha u hadet xi *screenshots* ta' dawn ic-chats, flimkien ma ritratt esplicitu ta' Bianchi, hu kien ipproceda bl-akkuzi. Mistoqsi mid-difiza jekk kienx stabbilixxa l-istat taz-zwieg tal-konjugi Attard Flores hu wiegeb li kien jaf li ma jghixux taht l-istess saqaf pero' ma kienx jaf humiex separati, annulati jew divorzjati.

L-Ispettur Scicluna rega' xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2019[27] fejn in kontro-ezami gie mistoqsi dwar l-ezistenza tat-telefonata li kien ircieva Raphael fis-sitta' ta' filghodu fejn wiegeb illi ma kienx ivverifika l-ezistenza ta' din it-telefonata. Qal ukoll li hu lil hu l-appellanti ma kienx kellmu. Ikkonferma li ma kienx kellem lir-rapprezentanti ta' Facebook. Ma vverifikax lanqas dwar dak li qal is-Sur Attard Flores li kien rcieva xi SMS jew email li kienet inbidlitlu l-*password.* Qal li ma vverifikax passwords u li hu qatt ma kellu *password* f'idu. Xehed illi ma jidirlux li kien kellem lil kwerelanta Lourdes Bianchi. Hu spjega li kien baghat ghall-appellanti nhar l-10 ta' Marzu, 2017 fl-ufficju tieghu gewwa l-Ghassa l-Belt u kien taghha s-soliti drittijiet. Hu kien jaf li ghalkemm kienu mizzewgin il-konjugi Attard Flores ma kienux on good terms. Hu spjega illi hareg l-akkuzi fir-rigward t'access mhux awtorizzat, abbazi l-kwerela tal-kwerelant Raphael Attard Flores u l-ammisjoni tal-appellanti. Ikkonferma li l-appellanti kienet qaltlu illi l-*Facebook account password* dejjem kienet fil-laptop izda s-Sur Attard Flores kien qallu li dan ma kienx minnu. Mistoqsi fuq is-Cybercrime hu qal li kienu gew mitkellma pero' jidhirlu li l-ezitu taghhom kien fin-negattiv.

**L-Ispettur Scicluna**[28] rega' xehed nhar is-6 ta' Frar, 2020 fejn qal li meta rcieva l-fajl kien hemm nota minn PC569 Salamone min-naha tas-Cyber Crime Unit fejn dan kien stqarr illi minhabba li kien ghadda certu perjodu ta' zmien, peress li r-rapport kien iddahhal ghaxar xhur wara li gara l-incident, ma kienx hemm *data retention* u allura min-naha tas-Cyber Crime ma setghu jaghmlu xejn. Fin-nota ma kienx hemm imnizzel kienux kellmuha lil *Facebook Inc* u kienu nfurmaw lill-kwerelant li minhabba l-perjodu tad-data retention kien ghadda, huma ma setghux jipprocedu bl-investigazzjonijiet taghhom. Mistoqsi kif wasal ghat-tielet akkuza kontra l-appellanti hu wiegeb illi kellu rapport min-naha tal-kwerelant fejn kien stqarr li kien hemm access mhux awtorizzat u l-appellanti kienet stqarret li hija kienet dahlet fuq *Facebook* tal-eks ragel taghha.

[27] Fol. 67 tal-atti processwali.
[28] Fol. 81 tal-atti processwali.

Mistoqsi li hemmhekk l-imputata kienet spjegat illi l-*Facebook account* taghha u ta' dak iz-zmien ir-ragel taghha kienu bil-password *saved* u kienu juzaw l-istess kompjuter, hu wiegeb illi kellu zewg verzjonijiet kunfliggenti fuq din il-bicca xoghol. Mistoqsi jekk meta rinfaccat b'dawn iz-zewg verzjonijiet kunfliggenti lis-Cyber Crime Unit talabhomx jivverifikaw jew igiddbu dak li qalet l-appellanti hu wiegeb li le. Qal li setgha jinduna li kien hemm ostilita' bejn il-partijiet pero' mhux infurmat dwar il-kawzi kriminali li l-partijiet kellhom fil-konfront ta' xulxin u ma jiftakarx kienx qallu xi haga Raphael Attard Flores dwar dan. Ikkonferma li dan tal-ahhar kien surgent tal-pulizija u li kien sema li ghaddha proceduri ta' dixxiplina biex jitkecca izda ma kienx jaf li l-appellanti kienet li rrapurtatu. Mistoqsi jekk il-kaz idurx ma ritratt ta' Lourdes Bianchi b'sidirha barra, li l-appellanti wzat bhala prova fil-Qorti tal-Familja biex tissostanzja l-claim taghha ta' adulterju, hu ikkonferma u qal li in fatti r-rapport kien sar wara li l-appellanti ipprezentat dan id-dokument il-Qorti. Mistoqsi kif ivverifika d-data u l-hin meta l-appellanti hadet ir-ritratt, jispjega illi hu kien qaghad fuq il-verzjoni li kienu tawh huma u kellu l-impressjoni li l-messaggi ta' Facebook ser jigu pprezentati quddiem il-Magistrat. Jghid li l-konjugi Attard Flores anqas ma qablu kienux juzaw l-istess kompjuter jew le. Qal ukoll illi hu ma eleva l-ebda kompjuter u la l-pulizija u anqas l-esperti tal-Qorti m'accedew f'xi residenza.

**<u>Raphael Attard Flores</u>**[29] xehed nhar l-20 ta' Dicembru 2017 fejn qal li kien qieghed jissepara minn mal-mara u ghall-habta ta' Gunju 2016 meta kien telaq mid-dar, fis-sieghat bikrin ta' filghodu dahallu messagg jew email fejn ircieva notifika li xi hadd kien biddilu l-*password* tal-email u kif ukoll tal-*Facebook*. Kopja ta' dan il-messagg jew email m'ghandux ghaliex meta ha l-access lura tal-*Facebook* ma setax jigbor kollox lura. Ftit minuti wara cemplitlu l-appellanti u qaltlu li sabitlu *chat* fejn kien hemm anke xi ritratti intimi tal-partner tieghu Lourdes Bianchi. Meta cemplitlu kienet ghand ommu u ommu cemplulu nkwetati li anke sahansitra marret bil-laptop turi dawn ir-ritratti lilhom. Spjega li dan kien madwar il-hamsa jew is-sitta' ta' filghodu u kien hemm paniku kbir. Ic-*chat* giet ipprintjata u fil-print taghha hemm miktub illi l-appellanti baghtet ic-chatlog u r-ritratt lil huha Josef Cachia. Dawn id-dokumenti gew ipprintjati

[29] Fol. 24 tal-atti processwali.

ghal habta ta' Frar 2017 u l-kawza kienet qed tinstema quddiem l-Imhallef Abigail Lofaro.

**Mary Rose Attard**[30] xehdet nhar l-10 ta' Mejju 2018, fejn qalet li l-appellanti kienet il-mara tat-tifel taghha Raphael Attard Flores. Spjegat illi f' Gunju ta' 2016, kienet marret Theresa xi s-sitta ta' filghodu, fejn talbet laptop sabiex turihom x'kien qed jigri u dahlet bil-*password* personali tat-tifel taghha f'*chat* ta' *Facebook*. Hi qalet li l-appellanti biddlitha bhala *password* ghax dik li wzat ovvja li ma kienx ghamillha binha u dan stante li kienet 'Raphael liba'. Hi qalet kif l-appellanti wriethom ritratt ta' Lourdes b'sidirha barra. Prezenti kien hemm hi, ir-ragel taghha li kien qed jaghmel affarijiet ohra u t-tifla tal-appellanti. Hi gibditilha l-attenzjoni sabiex ma turix dawn l-affarijiet quddiem tifla ta' sitt snin, imma njurata. Mistoqsija mid-difiza, hi tghid li l-password kitbitha quddiemhom u taf li ttajpjat lilha. Qalet li meta sar dan kollu huma kienu d-dar taghha u li bhala servicer provider kellhom il-Melita u l-internet kien f'isem ir-ragel taghha, Carmel Attard Flores.

**Dr Alexia Aquilina**[31] xehdet nhar it-8 ta' Novembru, 2018, fejn xehdet illi hi saret taf bil-verbal tal-Qorti dakinhar stess izda ma kellix f'idha dak rikjest mill-Qorti u ghalhekk il-Qorti kienet ordnat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u lir-Registratur tal-Qrati Tribunali Civili sabiex sas-seduta li jmiss jipprezentaw id-dokument relattiv mil-Qorti tal-familja.

**Il-Psikjatra Anthony Zahra**[32] xehed nhar it-22 t' Ottubru, 2020 fejn qal illi Lourdes Bianchi kienet ilha taht il-kura tieghu minn l-2018 u tbati minn post-traumatic stress disorder, anzjeta genaralizzata u b'sintomi ta' personality disorder. Hu spjega illi min-naha konjittiva hi kapaci tixhed imma kienet ghaddeja minn zmien difficli hafna u kien qed ikollha anke *suicidal thoughts*. Hu qal li f'dan l-istadju hi ma kelliex tixhed.

**Maria Dolores Fenech**[33] xehdet nhar it-22 t' Ottubru, 2020 fejn esebiet zewg listi illi juru l-kawzi kriminali li Raphael u Theresa Attard Flores kellhom fil-konfront ta'

[30] Fol. 33 tal-atti processwali.
[31] Fol. 44 tal-atti processwali.
[32] Fol. 104 tal-atti processwali.
[33] Fol. 110 tal-atti processwali.

xulxin. Irrizulta li kien hemm tnjen kontra Theresa Attard Flores u wahda kontra Raphael Attard Flores.

Ikkunsidrat,

Il-fatti li jsawwru dan il-kaz *in breve* jirrigwardjaw koppja u cioe' Raphael u Theresa Attard Flores li kienu qed jisseparaw, u s-Sur Attard Flores allega illi s-Sinjura Attard Flores dahlitlu fl-*account* ta' *Facebook* minghajr l-awtorizzazjoni tieghu. Sussegwentament qal li hi accessat *chat log*, illi huwa kellu mal-*partner* tieghu Lourdes Bianchi, u hadet kopja tac-*chat log* u ritratt li din ta' l-ahhar kienet baghtet lir-ragel taghha Raphael b'sidirha barra u pprezentatu ma' rikors quddiem il-Qorti tal-Familja.

Illi din il-Qorti jiddispjaciha tistqarr illi l-provi tal-prosekuzzjoni huma fjakki u skarsi. Kif diga' gie ritenut *supra*, il-grad tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni huwa dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u l-istess prosekuzzjoni ghandha ggib l-aktar provi shiha u sodisfacenti, kemm favur u kemm kontra l-akkuzat. L-ufficjal prosekutur jixhed bl-iktar mod car illi hu strah fuq ix-xhieda tal-kwerelant Raphael Attard Flores u fuq dak li kienet qaltlu l-appellanti fl-istqarrija taghha. Jirrizulta pero' illi din l-istess stqarrija ma gietx esebita fl-atti u ghalhekk ma tista' ssir l-ebda referenza ghaliha. Hawn hekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Daniel Gatt</u>**[34] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *'Ezaminati bir-reqqa l-provi akkwiziti, izda, minkejja li l-ewwel Qorti qrat lix-xhud l-istqarrija taghha, **<u>din l-istess stqarrija ma tinsabx fl-atti processwali. Issa, ghalkemm dan il-fatt ma kienx osservat mill-appellant, din il-Qorti ma tistghax tghalaq ghajnejha ghal-nuqqas ta' dan il-forma.</u>** Din hija Qorti ta' kompetenza kriminali fejn il-provi jehtieg li jkunu prezervati b'mod metikoluz u skond il-ligi izda hija fuq kollox Qorti ta' Gustizzja'*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 t'April, 2021.

Kif jikkonferma l-Ispettur stess la gew elevati l-laptops koncernati; la gew imharrka s-service providers sabiex jitilghu jixhdu; la ottjenew informazzjoni minn *Facebook Inc* u lanqas ma kien gie mitkellem hu l-appellanti Josef Cachia li allegatament rcieva ic-*chat log* u ritratt esplicitu ta' Lourdes Bianchi. Din ta' l-ahhar kienet xehdet fil-proceduri odjerni, madankollu t-traskrizzjoni tax-xhieda taghha ma nstabitx fl-atti processwali u ghalhekk kienet imharrka ghat-tieni darba sabiex terga' tixhed. Izda, minhabba ragunijiet ta' sahha din ma xehditx u ghalhekk il-kwerelanti Lourdes Bianchi, ma setghetx tikkonferma certu dettalji bhal jekk kienitx hi l-persuna fir-ritratt koncernat; Bhal lil min kienet baghtet dan ir-ritratt u jekk kienx minnu li kienet tikkomunika mas-Sur Attard Flores fuq Facebook.

Ghalhekk, l-uniku provi diretti li din il-Qorti ghandha kontra l-appellanti huma x-xhieda *viva voce* tal-ufficjal prosekutur l-Ispettur Jeffrey Scicluna, Raphael Attard Flores u ommu Mary Rose Attard Flores. Maria Dolores Fenech xehdet u esebiet lista f'dawn il-proceduri ta' tlett kazijiet kriminali pendenti, tnejn fil-konfront ta' Theresa Attard Flores u/jew Cachia u wahda fil-konfront ta' Raphael Attard Flores. Sfortunatament mhux l-ewwel darba illi din il-Qorti tkun rinfaccata bi problemi bejn konjugi b'mod specjali dawk li jkunu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni. Din il-Qorti taf illi l-piki u l-glied sfortunatament gieli jirrenjaw f'dawn ic-cirkostanzi u fl-isfond ta' dan kollu zgur ma thosshiex komda illi ssib htija abbazi indizzji cirkostanzjali li m'humiex univoci u t-testimonjanza tal-kwerelant u ommu, li bla dubju ta' xejn f'dawn ic-cirkostanzi ser tikkonferma dak li qal binha. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda tal ufficcjal prosekutur u dan ghaliex huwa qed jixhed minn dak li qaltlu l-kwerelanti u mhux minn dak li jaf di scienza proprja. Hawn hekk qeghdin fil-kamp penali u ghaldaqstant il-prosekuzzjoni hija obbligata li tressaq l-ahjar prova kemm dik favur kif ukoll dik kontra. Stante li d-dubji fil-proceduri odjerni huma kbar, din il-Qorti zgur ma tistax tghaddi sabiex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-appellanti u bhala konsegwenza filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata li biha l-appellanti nstabet mhux hatja ghat-tieni akkuza, thassar u tirrevoka l-istess fejn sabet lill-appellanti hatja

tal-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuzi u minflok tillibera lill-appellanti minn kull akkuza, htija u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur